Permezz tal-preżenti, is-soċjetà Bank of Valletta p.l.c. tinterpellakom sabiex fi żmien jumejn tħallsu s-somma ta' ħamsa u erbgħin elf, erba' mija u sebgħa u tletin liri Maltin u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (Lm45,437.47) bilanċ għad-debitu fil-'Loan u Overdraft Accounts' tagħkom mal-Bank of Valletta p.l.c. flimkien ma' l-imgħaxijiet ulterjuri mill-1 ta' April 2005, sad-data ta' l-effettiv pagament.

Is-soċjetà mittenti tavżakom illi jekk tonqsu hija se tkun kostretta tipproċedi kontra tagħkom skond il-liġi.

Soċjetà mittenti: Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)
173, St. Christopher Street, Valletta.

Intimati: 1.....Omissis.....

2. Rita Borg (ID Numru 129258M)
Olive Court, Flat 7, Vjal ir-Riħan, San Ġwann.

Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum 24 ta' Jannar 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the First Hall Civil Court by means of a decree given on the 19th May 2005, in the records of the judicial letter number 1875/2005, in the names Bank of Valletta p.l.c. vs 1. Joseph Borg 2. Rita Borg, ordered that the judicial letter hereunder reproduced be notified upon the respondent by publication in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

In the First Hall Civil Court, today 25th April 2005

To 1. Joseph Borg
2. Rita Borg

By the present, the company Bank of Valletta p.l.c. calls upon you so that within two days you pay the sum of forty five thousand four hundred and thirty seven Malta liri and forty seven cents (Lm45,437.47) balance of debt in your 'Loan and Overdraft Accounts' with the Bank of Valletta p.l.c. together with further interests from the 1st April 2005 till the date of effective payment.

The interpellant company warns you that if you fail they shall be constrained to proceed against you according to law.

Interpellant company: Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)
173, St. Christopher Street, Valletta.

Respondents: 1.....Omissis.....

2. Rita Borg (ID Number 129258M)
Olive Court, Flat 7, Vjal ir-Riħan, San Ġwann.

Registry of the Superior Courts, today 24th January 2006.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

230

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) permezz ta' digriet mogħti fl-1 ta' Novembru 2005, fl-atti ta' l-ittra numru 254/05 CD, fl-ismijiet Mary Farrugia vs Vincent Mercieca, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimat a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) fit-30 ta' Awissu 2005, fl-atti ta' l-ittra numru 254/2005, ir-rikorrenti Mary Farrugia esponiet bir-rispett;

Illi r-rikorrenti kellha relazzjoni extra-maritali, ma' ċertu Vincent Mercieca minn liema relazzjoni twieled tarbija li llum għandha tliet (3) snin.

Illi r-rikorrenti kienet ukoll fetħet il-proċeduri ta' medjazzjoni quddiem il-medjatriċi Carmen Delicata, fejn ir-rikorrenti kienet għamlet ċerti proposti raġjonevoli għal ftehim permezz ta' kuntratt li ma ġewx aċċettati mill-intimat.

It is hereby notified that the Civil Court (Family Section) by means of a decree given on the 1st November 2005, in the records of the letter No. 254/05 CD, in the names Mary Farrugia vs Vincent Mercieca, ordered the following publication for the purposes of service of the respondent in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of an application filed in the Civil Court (Family Section) on the 30th August 2005, in the records of the letter number 254/2005, the applicant Mary Farrugia pleaded with respect;

That the applicant had an extra-marital relationship with a certain Vincent Mercieca from which relationship a child was born, today is three (3) years old.

That the applicant had initiated mediation proceedings before the mediator Carmen Delicata, whereby she had made certain reasonable proposals for agreement by means of a contract which were not accepted by the respondent.

.....Omissis.....

Illi minħabba l-aġir preżenti ta' l-intimat, ir-rikorrenti ma tistax tgħix ħajja normali u kwieta kif tixtieq hi tant illi huwa ma jiqafx jagħmel telefonati kontinwi anke fil-ħinijiet bikrija ta' filgħodu u huwa kemm-il darba jsegwiha kull fejn tmur.

.....Omissis.....

Illi l-intimat tant huwa vjolenti illi huwa kisser il-bieb ta' barra tar-rikorrenti u heddidha illi joqtolha jekk hi ma kinitx se tħallih jidħol id-dar.

Illi l-intimat jaħdem, tant li għandu l-kumpanija tiegħu stess u għalhekk jiflaħ sabiex iħallas manteniment ta' għoxrin lira Maltin (Lm20) fil-ġimgħa għat-tifel minuri, ħaġa li ilu ma jagħmel għal dawn l-aħħar ġimgħatejn.

Illi żgur f'dan il-każ hemm bżonn ta' ċerti digrieti mingħand dina l-Onorabbli Qorti.

Għaldaqstant ir-rikorrenti qiegħda titlob l-Onorabbli Qorti sabiex;

1. Tagħti lir-rikorrenti l-kura u l-kusodja tat-tifel minuri.

2. Tagħti lill-missier aċċess limitat u supervizzjonat minn persuna kompetenti mill-aġenzija Appoġġ.

3. Tordna lill-intimat iħallas manteniment għat-tifel ta' għoxrin lira Maltin (Lm20) fil-ġimgħa, u

dana taħt dawk il-provedimenti li jidrilha xierqa u opportuni.

Rikorrenti: Hilda, 22, Flat 4, Triq il-Ġummar, Birkirkara.

Intimat: 13A, St. George's Street, Gżira.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) illum 25 ta' Jannar 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

.....Omissis.....

That due to the present behaviour of the respondent, the applicant cannot live a normal and quite life, as she wishes so much so that he does not stop making telephone calls even in the early hours of the morning and he often follows her wherever she goes.

.....Omissis.....

The respondent is so violent that he broke the front door of the applicant and he threatened that he was going to kill her if she did not let him enter the house.

That the respondent works, so much so that he has his own company and thus he is in a position to pay maintenance of twenty Maltese liri (Lm20) per week for the minor son, something which he has not done for these last two weeks.

That certainly in this case there is need for certain decrees from this Honourable Court.

Thus the applicant is asking this Honourable Court so that;

1. It grants the applicant the care and custody of the minor.

2. Grants the father limited and supervised access from a competent person by the agency Appoġġ.

3. Orders the respondent to pay maintenance for the boy of twenty Maltese liri (Lm20) per week, and

this under those provisions which it deems fit and opportune.

Applicant: Hilda, 22, Flat 4, Ġummar Street, Birkirkara.

Respondent: 13A, St. George' s Street, Gżira.

Registry of the Civil Courts (Family Section) today 25th January 2006.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

231

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tas-6 ta' Diċembru 2005, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Vincent Cuschieri Limited (C-4162) ta' Ninu Cremona Street, Raħal Ġdid, ippreżentaw Talba fis-16 ta' Marzu 2005, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Giancarlo Gauci eżerċjenti l-kummerċ għan-nom ta' Silver Jubilee Bar ta' 111/2, St Joseph Street, Valletta jħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' tliet mija u erba' liri Maltin u tnejn u tletin ċenteżmu (Lm304.32) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal, of 6th December 2005, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap 12).

Vincent Cuschieri Limited (C-4162) of Ninu Cremona Street, Paola, filed a Claim on the 16th March 2005, whereby they asked the Tribunal to condemn Giancarlo Gauci carrying on trade under the name and on behalf of Silver Jubilee Bar of 111/2, St Joseph Street, Valletta, to pay the plaintiff company the sum of three hundred and four Maltese liri and thirty two cents (Lm304.32) which amount is due to the plaintiff company.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali.

Il-kawża (Talba Numru 679/05PBC) hija differita għall-31 ta' Jannar 2006 fis-1.00 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 25 ta' Jannar 2006.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

With costs and legal interests.

The case (Claim Number 679/05PBC) is put off on the 31st January 2006 at 1.00 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 25th January 2006.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

232

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tas-16 ta' Jannar 2006, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Vodafone Malta Limited (C-10865) ta' Vodafone House, Triq l-Imsida, Birkirkara, ippreżentaw Talba fl-10 ta' Novembru 2005, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Martin Baldacchino ta' Turner Court, Flat 2, Triq il-Makku, San Pawl il-Baħar, sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' mitejn u lira Maltija u tnejn u għoxrin ċenteżmu (Lm201.22) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax.

Il-kawża (Talba Numru 1865/05DC) hija differita għall-20 ta' Frar 2006 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 24 ta' Jannar 2006.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal, of 16th January 2006, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Vodafone Malta Limited (C-10865) of Vodafone House, Triq l-Imsida, Birkirkara, filed a Claim on the 10th November 2005, whereby they asked the Tribunal to condemn Martin Baldacchino of Turner Court, Flat 2, Triq il-Makku, St Paul's Bay to pay the plaintiff company the sum of two hundred and one Maltese liri and twenty two cents (Lm201.22) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Claim Number 1865/05DC) is put off for the 20th February 2006 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 24th January 2006.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

233

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tat-23 ta' Jannar 2006, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited (C8692) ta' Zachary House, Qasam Industrijali tal-Marsa, il-Marsa, ippreżentaw Talba fis-6 ta' April 2005, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Joseph Saviour Farrugia ta' Flat 1A, Triq in-Nigret, Żurrieq, iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' tliet mija u lira Maltija u erbgħa u disgħin ċenteżmu (Lm301.94) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali.

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal, of 23rd January 2006, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited (C8692) of Zachary House, Marsa Industrial Estate, Marsa, filed a claim on the 6th April 2005 whereby they asked the Tribunal to condemn Joseph Saviour Farrugia of Flat 1A, Triq in-Nigret, Żurrieq, to pay the plaintiff company the sum of three hundred and one Maltese liri and ninty four cents (Lm301.94) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and legal interests.

Il-kawża (Talba Numru 789/05PBC) hija differita għas-7 ta' Frar 2006 fis-1.00 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 25 ta' Jannar 2006.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

The case (Claim Number 789/05PBC) is put off to the 7th February 2006 at 1.00 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 25th January 2006.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

234

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, ta' l-10 ta' Novembru 2005, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Anġlu Pace (ID 570447M) u Joseph Pace (ID 478336M) u Mary Xuereb (ID 411043M) ta' ta' Joe Connie, 18, Triq il-Murselli, l-Imqabba, ippreżentaw Talba fit-12 ta' Mejju 2005, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Carmelo Pace (ID 508237M) ta' 17, Triq il-Fjuri, l-Imqabba, iħallas lill-atturi s-somma ta' elf mitejn u sbatax-il lira Maltija (Lm1,217) liema ammont huwa dovut lill-atturi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali.

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal, of 10th November 2005, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap 12).

Anglu Pace (ID 570447M), Joseph Pace (ID478336M) and Mary Xuereb (ID 411043M) of Joe Connie, 18, Triq il-Murselli, Mqabba, filed a Claim on the 12th May 2005, whereby they asked the Tribunal to condemn Carmelo Pace (ID 508237M) of 17, Triq il-Fjuri, Mqabba, to pay the plaintiff the sum of one thousand two hundred and seventeen Maltese liri (Lm1,217) which amount is due to the plaintiffs.

With costs and legal interests.

Il-kawża (Talba Numru 1049/05PBC) hija differita għall-21 ta' Frar 2006 fis-1.00 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 24 ta' Jannar 2006.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

The case (Claim Number 1049/05PBC) is put off on the 21st February 2006 at 1.00 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 24th January 2006.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

235

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tat-23 ta' Jannar 2006, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Middle Sea Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat tagħha Simon Grima (C5553) abbażi tal-polza ta' l-assigurazzjoni u tal-liġi u l-istess Simon Grech ta' New Street in San Ġwakkin Road, Qasam Industrijali, l-Imrieħel, ippreżentaw Talba fil-21 ta' Lulju 2005, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Michael Camilleri ta' Blokk 12, Flat 5, Triq Alessandra, Bormla, iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' mitejn u dsatax -il lira Maltija u wieħed u sebgħin ċenteżmu (Lm219.71) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi rigward inċident awtomobilistiku li ġara fis-7 ta' Settembru 2005 ġewwa Paceville.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali.

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal, of 23rd January 2006, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap 12).

Middle Sea Insurance plc as subrogated in the rights of the insured Simon Grima (C5553) on the basis of the insurance policy and by law and the same Simon Grima of New Street in San Ġwakkin Road, Industrial Estate, Mrieżel, filed a Claim on the 21st July 2005, whereby they asked the Tribunal to condemn Michael Camilleri of Block 12, Flat 5, Triq Alessandra, Cospicua, to pay the plaintiff company the sum of two hundred and ninteen Maltese liri and seventy one cents (Lm219.71) which amount is due to the plaintiff company in connection with an accident which happened on the 7th September 2005 in Paceville.

With costs and legal interests.

Il-kawża (Talba Numru 1554/05PBC) hija differita għall-31 ta' Jannar 2006 fis-1.00 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 25 ta' Jannar 2006.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

The case (Claim Number 1554/05PBC) is put off for the 31st January 2006 at 1.00 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 25th January 2006.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

236

IKUN jaf kulħadd illi b'digriet tal-14 ta' Diċembru, 2005 mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex isservi ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12).

Illi b'rikors ippreżentat minn Charles Bonello fl-1 ta' Lulju 2005, qed jintalab l-iżbank fl-ammont ta' Lm2,200.00ċ0 depożitat b'ċedola numru 1018/2005 mill-marixxall Angelo Cutajar, li jappartjenu lil David Coleiro.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum it-23 ta' Jannar, 2006.

VINCENT ATTARD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the 14th December, 2005 given by the Magistrates Court (Malta), the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Chapter 12)

That by an application filed by Charles Bonello on the 1st July, 2005, is asking for the withdrawal of the amount of Lm2,200.00c0 deposited by Schedule of Deposit number 1018/2005, lodged by Marshall Angelo Cutajar, and appertaining to David Coleiro.

Registry of the Magistrates Court (Malta), today the 23rd day of January, 2006

VINCENT ATTARD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

237

IKUN jaf kulħadd illi b'digriet tas-17 ta' Jannar, 2006 mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12).

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM'AWLA fuq rikors ta' PATER FINANCE COMPANY LIMITED ġie ffissat il-jum ta' l-Erbgħa, l-1 ta' Frar 2006 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet li għandu jsir f'WALDORF AUTO SERVICE CENTRE, TA' ŻWEJT, SAN ĠWANN tal-vettura hawn taħt deskritta maqbuda mingħand ZAMMIT JOSEPH ET.

Vettura "Fiat Brava" bin-numru taċ-chassis ZFA18200004968674.

Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum, id-19 ta' Jannar, 2006.

VINCENT ATTARD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the 17th January, 2006 given by the First Hall Civil Court, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Chapter 12).

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on the application of PATER FINANCE COMPANY LIMITED, Wednesday, 1st February 2006, from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree to be held at WALDORF AUTO SERVICE CENTRE, TA' ŻWEJT, SAN ĠWANN of the following vehicle seized from the property of ZAMMIT JOSEPH ET.

Vehicle "Fiat Brava" with chassis number ZFA18200004968674

Registry of the Superior Courts, today the 19th day of January, 2006.

VINCENT ATTARD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

238

Ikun jaf kulħadd illi l-Prim Awla tal-Qorti Ċivili permezz ta' digriet mogħti fis-7 ta' Diċembru 2005, fl-atti ta' l-ittra uffiċjali numru 3492/05 ordnat illi l-ittra uffiċjali hawn taħt riprodotta tiġi notifikata lil-intimat bil-pubblikazzjoni a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili

Illum 2 ta' Awissu 2005

Lil: Richard Busuttil, personalment u bħala direttur għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà TBS Services Ltd.

Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni jinterpellak biex fi żmien jumejn thallas is-somma ta' sbatax-il elf, erba' mija u sittax - il lira Maltin (Lm17,416.00) dovuti kwantu għal Lm2,359.00, bħala somma minnu stabbilita skond ir-regola tar-Regoli ta' l-1998 dwar il-Final Settlement System (Avviż Legali 88/98) u l-Att ta' l-1994 dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa; kif ukoll Lm11,766.00 bħala somma minnu stabbilita skond l-artikolu 116 ta' l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali (Kap. 318) bħala ammont totali ta' tnaqqis li kellu jsir mill-pagi u s-salarji ta' l-impjegati ta' TBS Services Ltd matul il-perjodu Snin Bażi 1998, 2001, 2002, 2003 dwar liema xhur ma saritx rimessa kif meħtieġ skond ir-Regola 15(1) ta' l-istess Regoli kif ukoll skond l-artikolu 116 ta' l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali (Kap. 318) u kwantu għal Lm625 bħala Taxxa Addizzjonali imposta skond ir-regola 24(1) tar-Regoli ta' l-1998 dwar il-Final Settlement System u l-Att ta' l-1994 dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa u kwantu għal Lm2,666 bħala Kontribuzzjoni Addizzjonali imposta skond l-Artikolu 116(1) (B) ta' l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali (Kap 318) u dan kif jirriżulta mill-Avviż li kopja tiegħu tinsab hawn unita 'animo ritirandi' u mmarkata 'Dok A'.

Fin-nuqqas ta' ħlas fi żmien jumejn, il-mittent iwissik illi ai termini ta' l-Artikoli hawn fuq imsemmija huwa jgħaddi biex b'atti eżekuttivi, jesegwixxi l-kreditu tiegħu immedjatament.

Mittent: Dipartiment tat-Taxxi Interni, il-Furjana.

Intimat: Sur Richard Busuttil
TBS Services Ltd
Settembrina, Triq in-Naħal, il-Mosta.

Reġistru tal-Qorti Superjuri illum 25 ta' Jannar 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Civil Court by means of a decree given on the 7th December 2005, in the records of the judicial letter number 3492/05 ordered that the judicial letter hereunder reproduced be notified upon the respondent by publication in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

In the First Hall Civil Court

Today 2nd August 2005

To: Richard Busuttil, personally and as director in the name and in representation of the company TBS Services Ltd.

The Commissioner of Inland Revenue calls upon you so that within two days you pay the sum of seventeen thousand four hundred and sixteen Maltese liri (Lm17,416.00) due as for Lm2, 359.00 as a sum established by him according to the rule of Regulations 1998 regarding the Final Settlement System (Legal Notice 88/98) and the Act of 1994 regarding the Administration of Tax as Lm11,766.00 as sum established by him according to article 116 of the Social Security Act (Chapter 318) as a global amount of deduction which had to be made from the wages and salaries of the employees of TBS Services Ltd during the period Basis Years 1998, 2001, 2002, 2003 regarding which months no remittance was made as required by Regulation 15(1) of the same Regulations as well as article 116 of the Social Security Act (Chapter 318) and as for Lm625 as Additional Tax imposed according to the regulation 24(1) of the Rules of 1998 regarding the Final Settlement System and the Act of 1994 Regarding the Administration of Tax and as for Lm2,666 as Additional Contribution imposed according to Article 116(1) (B) of the Social Security Act (Chapter 318) and this as results from the Notice of copy of which is hereby attached 'animo ritirandi' and marked 'Doc A'.

Failing to pay within two days, the interpellant warns yo u that in terms of the Articles above mentioned he shall pass so that by executive acts he shall execute his credit immediately.

Interpellant: Department of Inland Revenue, Floriana.

Respondent: Mr Richard Busuttil
TBS Services Ltd
Settembrina, Naħal Street, Mosta.

Registry of the Superior Courts, today 25th January 2006.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

239

B'digriet mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-8 ta' Novembru, 2005 fuq rikors ta' Aidan Lungaro Mifsud ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, 21 ta' Frar, 2006 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tal-15 ta' Lulju, 2005 li għandu jsir fil-kuridur ta' dawn il-Qrati tal-fond hawn taħt deskritt.

Car space fil-livell "-2", taħt Forrest Street, formanti parti minn kumpless ta' garaxxijiet u flats sovvrapposti, esternament numerat 12, fi Triq Forrest, San Ġiljan. L-imsemmija car space tikkonfina mill-grigal ma' car space propjetà ta' Christine Salomone, u mill-irjieħ l-oħra kollha ma' propjetà ta' Equal Company Limited.

L-imsemmija propjetà tappartjeni lil Equal Company Limited.

N.B. L-imsemmija propjetà tinbiegħ bħalma ġiet deskritta mill-A.I.C. Joseph Ellul Vincenti fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fl-24 ta' Ottubru, 2005.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum is-16 ta' Jannar, 2006.

VINCENT ATTARD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the Civil Court First Hall on the 8th November, 2005 on the application of Aidan Lungaro Mifsud; Tuesday 21st February, 2006 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 15th July, 2005 to be held in the corridor of these Courts of the following property.

car space at level "-2" below Forrest Street, forming part of a garage complex and overlying block of apartments, externally numbered 12, in Forrest Street, St. Julians, which car-space is bounded on the north-east by property (car-space) of Christine Salomone and all the other sides by property of Equal Company Limited.

The said car-space belongs to Equal Company Limited

N.B. The said property will be sold as described in the report sworn to by Joseph Ellul Vincenti A&CE on the 24th day of October, 2005.

Registry of the Superior Courts, this 16th day of January, 2006

VINCENT ATTARD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

240

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Fl-atti tas-Subbasta Numru 3/2003 fl-ismijiet:-

Bank of Valletta p.l.c. vs Joecar Limited

Imħallef Onor Dott. J. R. Micallef, LL.D.

Il-Qorti,

Wara li rat il-liberazzjoni tal-Ħamis 3 ta' Novembru, 2005 favur ta' Bank of Valletta p.l.c. bil-prezz ta' Lm3,000.00c0 għall-propjetà hawn taħt imsemmija; liema propjetà tappartjeni lil Joecar Limited, u cioé:

Il-penthouse bl-arja sovrastanti, formanti parti minn blokk ta' appartamenti jismu "Fawwara Buildings", fi Triq Ġużè Fava, tas-Sliema, stmata li tiswa Lm475,000.00c0.

Billi fiż-żmien stabbilit mil-liġi Letizia Scicluna kisret il-kwindena u offriet Lm4,000.00c0 għall-propjetà fuq imsemmija.

Tiddekreta u tagħżel għall-bejgħ bl-Irkant u l-aħħar liberazzjoni tal-propjetajiet hawn fuq imsemmija, il-jum tal-Ħamis 9 ta' Marzu, 2006, mid-9.00 a.m. sa nofsinhar fil-kuridur ta' dawn il-Qrati.

In the First Hall of the Civil Court

In the records of Judicial Sale by Auction No: 3/2003 in the names:

Bank of Valletta p.l.c. vs Joecar Limited

Honourable Dr J. R. Micallef, LL.D.

The Court,

Following the Adjudication of Thursday 3rd November, 2005 in favour of Bank of Valletta p.l.c. for the price of Lm3000.00c0 for the undermentioned property which property belongs to Joecar Limited, namely:

Penthouse with its airspace, forming part of a block of apartments known as "Fawwara Buildings", Ġużè Fava Street, Sliema, valued at Lm475,000.00c0.

Whereas Letizia Scicluna interrupted the fifteen-day statutory time-limit by entering a bid of Lm4,000.00c0 for the said properties.

The Court therefore decrees and appoints Thursday the 9th day of March, 2006, between 9.00 a.m. and noon as the date for the Final Sale by Auction of the aforementioned immovables, which sale is to be held in the Corridor of these Courts.

Tordna li b'dan id-digriet jiġu notifikati l-kreditur eżekutant, id-debitur eżekutat, il-liberitarju u dik li offriet l-aħħar.

Illum, id-19 ta' Jannar, 2006.

VINCENT ATTARD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

The Court hereby orders that a copy of the decree be served on the execution creditor, the debtor, the purchaser and the last bidder.

Today, the 19th day of January, 2006.

VINCENT ATTARD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

241

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Fl-atti tas-Subbasta Numru 70/2003 fl-ismijiet:

Bank of Valletta p.l.c. vs Richard Micallef et.

Imħallef Onor Dott. J. R. Micallef, LL.D.

Il-Qorti,

Wara li rat il-liberazzjoni tat- Tlieta 9 ta' Novembru, 2004 favur ta' Jonathan Farrugia bil-prezz ta' Lm60,000.00c0 għal-ewwel propjetà hawn taħt imsemmija u għaf-favur ta' Bank of Valletta p.l.c. bil-prezz ta' Lm34,000.00c0 għat-tieni propjetà hawn taħt imsemmija; liema propjetajiet jappartjenu lil Richard Micallef, u cioé:

Appartament internament numerat 3, formanti parti minn blokk ta' appartamenti markat esternament bin-numru 137, fi Triq it-Torri, tas-Sliema, kif soġġett għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' Lm36.00c0, stmat li jiswa Lm120,000.00c0.

Żewġ porzjonijiet art adjaċenti għal xulxin, sitwati fil-kontrada tal-Buskett fil-limiti tar-Rabat (Malta), formanti parti mit-territorju magħruf bħala "Ta' Żejnu" sive "Tal-Ġordan", fl-inħawi magħrufa bħala "Tal-Kalkara", inkluż l-istrutturi rurali eretti fuqhom, flimkien stmati li jiswew Lm150,000.00c0.

Billi fiż-żmien stabbilit mil-liġi P.L. Joseph Zammit għan-nom u in rappreżentanza tal-Bank of Valletta p.l.c. kiser il-kwindena u offra Lm61,900.00c0 għal-ewwel propjetà fuq imsemmija u Robert Dimech għan-nom u in rappreżentanza Lombard Bank p.l.c. kiser l-kwindena u offra Lm35,100.00c0 għat-tieni propjetà fuq imsemmija.

Tiddekreta u tagħżel għall-bejgħ bl-Irkant u l-aħħar liberazzjoni tal-propjetajiet hawn fuq imsemmija, il-jum tal-Ħamis it- 23 ta' Marzu, 2006, mid-9.00 a.m. sa nofsinhar fil-kuridur ta' dawn il-Qrati.

Tordna li b'dan id-digriet jiġu notifikati l-kreditur eżekutant, id-debitur eżekutat, il-liberitarji u dawk li offrew l-aħħar.

Illum, it-18 ta' Jannar, 2006.

VINCENT ATTARD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

In the First Hall of the Civil Court

In the records of Judicial Sale by Auction No.: 70/2003 in the names:

Bank of Valletta p.l.c. vs Richard Micallef et.

Honourable Dr J. R. Micallef, LL.D.

The Court,

Following the Adjudication of Tuesday 9th November, 2004 in favour of Jonathan Farrugia for the price of Lm60,000.00c0 for the first undermentioned property and in favour of Bank of Valletta p.l.c. for the price of Lm34,000.00c0 for the second undermentioned property; which properties belong to Richard Micallef, namely:

Apartment internally marked 3, forming part of a block of apartments numbered 137 in Tower Road, Sliema, being subject to the annual and perpetual ground-rent of Lm36.00c0, valued at Lm120,000.00c0.

Two adjacent plots of land situated in the district of Buskett limits of Rabat (Malta), forming part of lands known as "Ta' Żejnu" sive "Tal-Ġordan", in the area known as "Tal-Kalkara", including all existing enjoyments built thereon, valued together at Lm150,000.00c0.

Whereas P.L. Joseph Zammit on behalf of Bank of Valletta p.l.c. interrupted the fifteen-day statutory time-limit by entering a bid of Lm61,900.00c0 for the first said tenement and Robert Dimech on behalf of Lombard Bank p.l.c. interrupted the fifteen-day statutory time-limit by entering a bid of Lm35,100.00c0 for the second said tenement.

The Court therefore decrees and appoints Thursday the 23rd day of March, 2006, between 9.00 a.m. and noon as the date for the Final Sale by Auction of the aforementioned immovables, which sale is to be held in the Corridor of these Courts.

The Court hereby orders that a copy of the decree be served on the execution creditor, the debtor, the purchasers and the last bidders.

Today, the 18th day of January, 2006.

VINCENT ATTARD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

242

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili Prim Awla permezz ta' digriet mogħti fl-atti ta' l-ittra uffiċjali numru 3843/05, ordnat illi l-ittra uffiċjali ħawn taħt riprodotta tiġi notifikata lil intimat bil-pubblikazzjoni a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili

Illum 29 ta' Awissu 2005

Lil Charles Dimech
(Karta ta' l-identità numru 97059(M)
Our Nest, Triq l-Indipendenza
Żebbuġ.

Permezz tal-preżenti, Carmel Galea (ID 47956G) qed jinterpellak sabiex fi żmien jumejn min-notifika ta' dan l-att tirrifondilu s-somma ta' sebat elef lira Maltin (Lm7,000) li huwa kien ħallas lill-mittenti bħala depożitu fuq xiri tal-karozza Land Cruiser li għandha numru ta' reġistrazzjoni numru CLI-237 liema karozza l-intimat irrifjuta li jbiegħa lill-mittenti skond il-prezz miftiehem ta' għaxart elef u ħames mitt lira Maltin u issa lanqas il-mittenti ma jridha stante li issa skopra li l-karozza kienet involuta f'ħabta u għalhekk għandha difetti moħbija.

Huwa fl-interess tal-mittenti li din il-kwistjoni tiġi solvuta amikevolment sabiex jiġu evitati aktar spejjeż u ħela ta' ħin fil-Qorti.

Fin-nuqqas jittieħdu proċeduri ulterjuri kontra tiegħek skond il-liġi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali minn Ottubru tas-sena l-oħra.

Mittenti: Sweet Honduras, 5, Għadira Street, Kerċem, Għawdex.

Intimat: 1, Triq l-Indipendenza, Żebbuġ, Malta.

Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum 25 ta' Jannar 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Civil Court First Hall by means of a decree given in the records of the judicial letter number 3843/05, ordered that the judicial letter hereunder reproduced be notified upon the respondent by publication in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

In the First Hall Civil Court

Today 29th August 2005

To Charles Dimech
(Identity Card number 97059(M)
Our Nest, Independence Street
Żebbuġ.

By the present, Carmel Galea (ID 47956G) is calling upon you so that within two days from the service of this act you refund him the sum of seven thousand Maltese Liri (Lm7,000) that he had paid interpellant as a deposit for the purchase of the car Land Cruiser which has registration number CLI-237 which car the respondent refused to sell to the interpellants according to the agreed price of ten thousand and five hundred Maltese liri and now not even the interpellant wants it since he discovered that the car was involved in a collision and thus has latent defects.

It is in the interest of the interpellant that this dispute be solved amicably in order to avoid further expenses and loss of time in Court.

Failing which further Court procedures will be taken against you according to law.

With costs and legal interest from October of last year.

Interpellant: Sweet Honduras, 5, Għadira Street, Kerċem, Gozo.

Respondent: 1, Independence Street, Żebbuġ, Malta.

Registry of the Superior Courts, today 25th January 2006.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

243

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili Prim' Awla permezz ta' digriet mogħti fil-5 ta' Jannar 2006, fl-atti taċ-Ċitazzjoni Numru 1241/03 GCD, fl-ismijiet St.George's Park Co. Ltd versus Cloud Catering Ltd, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tas-soċjetà intimata a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Avviż għas-smigħ ta' kawża maħruġ mir-Reġistru tal-Qrati Superjuri, il-Ħamis 5 ta' Jannar 2006, il-kawża Ċitazzjoni Numru 1242/2003 GCD, fl-ismijiet St. George's Park Co Limited (C 264) vs Clouds Catering Limited (C 10006), ġiet imqiegħda fil-lista tal-kawżi li għandhom jinstemgħu it-Tlieta, 14 ta' Marzu, 2006, fid-9.30 a.m.

Kumpannija Intimata: Pharaohs, St. George's Road, Paceville.

Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum 25 ta' Jannar 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Civil Court First Hall by means of a decree given on the 5th January 2006, in the records of the Writ of Summons Number 1241/03 GCD, in the names St. George's Park Co. Ltd versus Cloud Catering Ltd ordered the following publication for the purpose of service of the respondent company in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of a Notice of hearing of a cause issued by the Registry of the Superior Courts, on Thursday 5th January 2006, the cause Writ of Summons Number 1242/2003 GCD, in the names St. George's Park Co Limited (C 264) vs Clouds Catering Limited (C 10006) was put in the list of causes which are to be heard on Tuesday 14th March 2006, at 9.30 a.m.

Respondent Company: Pharaohs, St. George's Road, Paceville.

Registry of the Superior Courts, today 25th January 2006.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

244

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Fl-atti tas-Subbasta Numru 134/2003 fl-ismijiet:

Bank of Valletta p.l.c. vs Incoming Travel Bureau Limited

Imħallef Onor Dott. J. R. Micallef, LL.D.

Il-Qorti,

Wara li rat il-liberazzjoni tat-Tlieta 29 ta' Novembru, 2005 favur ta' Bank of Valletta p.l.c. bil-prezz ta' Lm3,000.00c0 "Animo Compensandi" għall-propjetà hawn taħt imsemmija; liema propjetà tappartjeni lil Incoming Travel Bureau Limited, u cioé:

Blokk bini mingħajr numru uffiċjali magħruf bħala "I.T.B. House", fi Triq l-Iskuna, il-Qawra limiti ta' San Pawl il-Baħar konsistenti f'garaxx fil-pjan sotterran, ħanut fil-pjan terran, u tliet appartamenti sovrastanti fuq xulxin; kif soġġett il-blokk kollu għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' Lm120.00c0, kollox stmat li jiswa Lm245,000.00c0.

Billi fiż-żmien stabbilit mil-liġi Joseph Muscat kiser il-kwindena u offra Lm4,000.00c0 għall-propjetà fuq imsemmija.

Tiddekreta u tagħżel għall-bejgħ bl-Irkant u l-aħħar liberazzjoni tal-propjetajiet hawn fuq imsemmija, il-jum tat-Tlieta 21 ta' Marzu, 2006, mid-9.00 a.m. sa nofsinhar fil-kuridur ta' dawn il-Qrati.

In the First Hall of the Civil Court

In the records of Judicial Sale by Auction No.: 134/2003 in the names:

Bank of Valletta p.l.c. vs Incoming Travel Bureau Limited

Honourable Dr J. R. Micallef, LL.D.

The Court,

Following the Adjudication of Tuesday 29th November, 2005 in favour of Bank of Valletta p.l.c. for the price of Lm3,000.00c0 "Animo Compensandi" for the undermentioned property which property belongs to Incoming Travel Bureau Limited, namely:

Unnumbered block of buildings known as "I.T.B. House", in Triq l-Iskuna, Qawra limits of St. Paul's Bay; consisting of a basement garage, ground-floor shop, and three overlying apartments being subject all the block to the annual and perpetual ground-rent of Lm120.00c0, together valued at Lm245,000.00c0.

Whereas Joseph Muscat interrupted the fifteen-day statutory time-limit by entering a bid of Lm4,000.00c0 for the said properties.

The Court therefore decrees and appoints Tuesday the 21st day of March, 2006, between 9.00 a.m. and noon as the date for the Final Sale by Auction of the aforementioned immovables, which sale is to be held in the Corridor of these Courts.

Tordna li b'dan id-digriet jiġu notifikati l-kreditur eżekutant, id-debitur eżekutat, il-liberitarju u dik li offriet l-aħħar.

Illum, id-19 ta' Jannar, 2006.

VINCENT ATTARD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

The Court hereby orders that a copy of the decree be served on the execution creditor, the debtor, the purchaser and the last bidder.

Today, the 19th day of January, 2006.

VINCENT ATTARD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

245

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Fl-atti tas-Subbasta Numru 13/1995 fl-ismijiet:-

Bank of Valletta p.l.c. vs Ġawhra Limited

Imħallef Onor Dott. J. R. Micallef, LL.D.

Il-Qorti,

Wara li rat il-liberazzjoni tal-Ħamis 6 ta' Ottubru, 2005 favur ta' Bank of Valletta p.l.c. bil-prezz ta' Lm1,000.00c0 "Animo Compensandi" għall-propjetà hawn taht imsemmija liema propjetà tappartjeni lil Ġawhra Limited, u cioé:

Il-garaxx immarkat bin-numru 9, mingħajr l-arja tiegħu, formanti parti minn blokk ta' flats u garaxxijiet sottostanti magħruf bħala "Ġawhra Court", Triq il-Qaliet kantuniera ma' Triq il-Kappara, Marsaskala, stmat li jiswa Lm10,000.00c0.

Billi fiż-żmien stabbilit mil-liġi Michelle Abela kisret l-kwindena u offriet Lm1050.00c0 għall-propjetà fuq imsemmija.

Tiddekreta u tagħżel għall-bejgħ bl-Irkant u l-aħħar liberazzjoni tal-propjetajiet hawn fuq imsemmija, il-jum tat-Tlieta 21 ta' Marzu, 2006, mid-9.00 a.m. sa nofsinhar fil-kuridur ta' dawn il-Qrati.

Tordna li b'dan id-digriet jiġu notifikati l-kreditur eżekutant, id-debitur eżekutat, il-liberitarju u dik li offriet l-aħħar.

Illum, id-19 ta' Jannar, 2006.

VINCENT ATTARD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

In the First Hall of the Civil Court

In the records of Judicial Sale by Auction No.: 13/1995 in the names:

Bank of Valletta p.l.c. vs Ġawhra Limited

Honourable Dr J. R. Micallef, LL.D.

The Court,

Following the Adjudication of Thursday 6th October, 2005 in favour of Bank of Valletta p.l.c. for the price of Lm1,000.00c0 "Animo Compensandi" for the undermentioned property which property belongs to Ġawhra Limited, namely:

Garage number 9, excluding its airspace, forming part of a block of flats and underlying garages known as "Ġawhra Court", in Qaliet Street, Marsaskala, valued at Lm10,000.00c0.

Whereas Michelle Abela interrupted the fifteen-day statutory time-limit by entering a bid of Lm1,050.00c0 for the said property.

The Court therefore decrees and appoints Tuesday the 21st day of March, 2006, between 9.00 a.m. and noon as the date for the Final Sale by Auction of the aforementioned immovables, which sale is to be held in the Corridor of these Courts.

The Court hereby orders that a copy of the decree be served on the execution creditor, the debtor, the purchaser and the last bidder.

Today, the 19th day of January, 2006.

VINCENT ATTARD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

246

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Fl-atti tas-Subbasta Numru 37/2005 fl-ismijiet:-

Traplas Limited vs Mantwan Limited

Imħallef: Onor Dott. J. R. Micallef, LL.D.

Il-Qorti,

Wara li rat il-liberazzjoni tat-Tlieta 25 ta' Ottubru, 2005 favur ta' Traplas Limited bil-prezz ta' Lm9,500.00c0 għal kull wieħed mill-ewwel, tieni u sitt propjetà hawn taħt imsemmija; Lm8,600.00c0 għat-tielet propjetà hawn taħt imsemmija; Lm8,500.00c0 għar-raba' propjetà hawn taħt imsemmija; Lm8,000.00c0 għall-ħames propjetà hawn taħt imsemmija; Lm1,500.00c0 għal kull wieħed mis-seba', tmien, disa', għaxar, tnax, tlettax, erbatax, ħmistax, sbatax, tmintax, dsatax, għoxrin, wieħed u għoxrin, tnejn u għoxrin, tlieta u għoxrin, u erba' u għoxrin propjetà hawn taħt imsemmija u Lm1,200.00c0 għal kull wieħed mill-ħdax u sittax-il propjetà hawn taħt imsemmija; liema propjetajiet jappartjenu lil Mantwan Limited, u cioé:

1. In-nofs indiviż tal-maisonette bla isem u bla numru uffiċjali, mhux uffiċjalment markat bin-numru erbatax (14), fi stat ta' ġebel u saqaf, aċċessibbli minn Triq Xuereb ix-Xudi, f'Ta' Paris, Birkirkara, soġġett għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' tmien liri Maltin (Lm8), stmat li jiswa Lm34,000.00c0.

